SANNAT

Minuti tal-kontinwazzjoni tat-tnejn u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 4 ta' Lulju 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Approvazzjoni tal-Kontijiet Pendenti.**

1593 Il-Kunsill qabel li bħala l-ewwel item jgħaddi għall-approvazzjoni tal-pagamenti Skeda Numru 16. Il-Kunsillier Teddy Bajada oġġezzjona għal kont ta' Ronnie Demich fejn kienet inħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet sabiex jiġi pprovdut il-PA System għal Jum Sannat. Dan il-kont minn €147 tela' għal €300.90ċ. Is-Sindku qal li l-attivita' kienet ser issir fil-pjazza u mħabba l-maltemp saret fis-sala tal-iskola primarja ta' Sannat. Dan kien jirrikjedi xi servizzi oħra konnessi mal-PA System. Il-Kunsillier Teddy Bajada kompla jinsisti li dan ma għandux jitħallas u talab li ssir votazzjoni fuq dan il-ħlas. Is-Sindku qallu biex jieqaf. Il-Kunsiller Teddy Bajada baqa' jinsisti li għandu dritt jitħalla jitkellem għax hu ma jaqbilx ma' dan il-pagament. Is-Sindku ried li jitniżżel fil-minuti li l-Kunsiller Teddy Bajada kien aggressiv bil-kliem tiegħu. Wara saret votazzjoni fuq dan il-ħlas. Il-Kunsill qabel erbgħa kontra wieħed li jitħallas dik il-parti tal-kont li kien skont il-kwotazzjoni u fuq il-parti l-oħra ssir verifika fuqu. Il-Viċi Sindku semma li sar xi xogħol privat ta' qtugħ ta' ħaxix minn Salvu Buttigieg f'xi passaġġi meta dan kellu jaħrat il-playing field biss. Is-Sindku qal li ma jafx b'dan. Il-Viċi Sindku talab li dan jitniżżel fil-minuti għaliex lilu qallu Salvu Buttigieg stess li qabdu s-Sindku. Il-Kunsillier Joseph Bajada qal li dan hu abbuż serju. Rigward il-kont finali ta' Joseph Attard dwar il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv il-perit għamel xi korrezzjonijiet fuq il-kejl tal-pedamenti. Il-Kunsill qabel li l-perit jiġi mitlub jagħti spjegazzjoni tal-kejl il-qadim u l-kejl il-ġdid tal-bini. L-iskeda tal-pagamenti approvati hi annessa mal-minuti bħala Annex 1. F'din l-iskeda numru 16 hemm pagamenti oħra tal-bini tal-uffiċċju l-ġdid li ġew approvati u ser jitħallsu pemezz tal-loans mill-BOV.

**Item 2 Mill-Minuti**

SANNAT

1594 *(para. 1543)* Is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said ma setax jiġi fit-30 ta' Ġunju għaliex ġie imsejjaħ biex jitla' laqgħa Malta li ma kinitx ipprogrammata. Din il-laqgħa ser issir fil-14 ta' Lulju 2011 fis-1.00 p.m.

1595 Mr. Vince Cassar mill-MCXCAA ġie jagħmel l-inspection tal-playing field. Hu ser jibgħatilna rapport fi żmien erba' ġimgħat dwar in-nuqqasijiet li hemm. Il-Kunsill jrid jagħmel reġistru tax-xogħlijiet li jsiru fil-playing field.

1596 (para. 1590) Rigward il-permessi tal-kiosks fil-festa s-Sindku qal li l-Kunsill għadu jistenna l-appuntament mal-inġiniera tal-Enemalta.

**Item 3 Korrispondenza**

1597 Memo 56/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward taħriġ mill-MCXCAA għal dawk interessati li jkunu responsabli mill-playing fields fil-Kunsilli Lokali. Dan ser isir fil-21 ta' Lulju 2011. Il-Kunsillier Teddy Bajada għandu jattendi għal dan il-kors

1598 Memo 57/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Regolamenti il jemendaw l-Ewwel, it-Tieni u d-Disa' Skeda li jinsabu mal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u A. L. 231 tal-2011 – Regolamenti li jemmendaw r-Raba', l-Għaxar u l-Ħdax il-Skeda li jinsabu mal-Att dwar Kunsilli Lokali.

1599 Memo 58/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward aktar Impiegi fil-Kunsilli Lokali għal Persuni b'Disabilta'.

1600 Stedina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Laqgħa informattiva dwar in-*National Enterprise Award.*

1601 Ittra mill-Aġenzija Żgħażagħ li fid-9 ta' Lulju 2011 ser jitħabbru t-tliet proġetti rebbieħa tal-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Iż-Żgħażagħ li pparteċipaw ser jirċievu ċertifikat ta' parteċipazzjoni. F'din il-kompetizzjoni ħadu sehem sebgħa u għoxrin Kunsill.

1602 Kopja ta' ittra li r-Reġjun ta' Għawdex bagħat lil MEUSEC dwar il-project proposal for Life + 50% co-financing. Is-Sindku qal li ġie kkuntatjat minn Aldo Formosa dwar dan il-proġett, imma l-co-financing tiegħu hu ta' 50% biss u l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jipparteċipa.

1603 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward taħriġ liċ-ċittadini f'kull lokalita' dwar l-użu tas-servizz egov. Dan ser jibda jsir minn Settembru 2011 u jibqa' sejjer sa' Lulju 2013.

1604 Ittra mill-MEPA dwar kompetizjoni ta' tpinġija għat-tfal bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji għall-Ambjent. Żmien st-30 ta' Settembru 2011.

1605 Kopja ta' notifika mill-MEPA dwar permess ta' żvilupp ta' xatba fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus.

**Item 4 Materja Oħra**

1606 Il-kuntratt tat-tindif u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi li qed isir mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita ġie mġedded għal sena oħra skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

1607 Is-Sindku semma li jsir Story Telling għat-tfal. Marlene Muscat semmiet li Sur Martin Bugelli lest li jiġi jagħmel seminar għaż-Żgħażagħ.

1608 Il-Kunsill approva li jinxtraw żewġ filing cabinets biex jiġu miġbura t-tender boxes. Għandhom jinġabu l-kwotazzjonijiet għal dawn il-filing cabinets.

1609 Il-Kunsill għandu jerġa' jagħmel it-toqba tal-arblu tal-festa li kien hemm fi Triq Ras in-Newwiela. Din kienet ingħalqet meta saret il-bankina mill-Kunsill.

1610 Il-Kunsill għandu jkejjel il-purtieri tal-uffiċċju l-ġdid kif ukoll jibda jaħseb għal għamara. Il-perit għandu jiġi kkunsultat dwar l-għamara.

1611 Marlene Muscat attendiet għal laqgħa f'Malta rigward is-Sena 2018 fejn il-Kunsili Lokali ġew imħeġġa sabiex jaraw x'jistgħu joffru billi jippromwovu l-lokalita' tagħhom billi juru kif jaħdmu Kalkara tal-Ġir u l-irziezet, kif ukoll jiġu organizzati mixjiet fil-lokalita'. F'kull Kunsill għandu jkun hemm informazzjoni dwar dawn l-attivitajiet.

1612 Rigward l-offerta ta' Measure 323, għandu jerġa' jiltaqa' l-bord tal-aġġudikazzjoni fejn issiru l-minuti tal-laqgħa tal-bord u jiġu ffirmati. Dan għandu jsir għaliex fil-laqgħa tal-bord ma kienx hemm segretarju u l-anqas saru minuti tal-laqgħa.

**Item 5 Illmenti**

1613 Daħal ilment li f'Triq Dun Xand Aquilina fejn tas-Snejter hemm bankina perikoluża. L-istess persuna semmiet li fi Triq l-20 ta' Lulju hemm siġra li trid tiġi miżbura.

1614 Is-Sur Salvu Pace talab biex fejn kien hemm it-terrapien fi Triq tal-Lewż jingħata bil-*cold asphalt*. Il-Kunsill ma qabilx li dan isir għaliex hemm biċċa kbira ħafna.

1615 Lawrence Cauchi ilmenta li peress li niżlet it-triq u ġiet ħofra, kull ilma li jinxeħet qed jieqaf quddiem id-dar tiegħu bil-konsegwenza li jittajjar mal-faċċata u l-bieb tal-garaxx. Hu talab biex dan tiġi ippeċċjata. Il-Kunsill approva dan il-patching.

1616 Is-Sur Jason Curmi ilmenta dwar il-bus shelter li ser issir quddiem il-ħajt tal-gnien tiegħu. Hu talab ukoll li titneħħa l-Bus Stop minn quddiem id-dar tiegħu u titpoġġa x'imkien ieħor. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Transport Malta.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

Arthur Bajada — Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella — Sindku